31999D0402

18.6.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 151/31

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Mejju 1999

li temenda d-deċiżjoni 94/448/KE li tistabilixxi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjonijiet tal-prodotti mis-sajd u l-akwakultura li joriġinaw fi New Zealand

(innotifikata fid-dokument numru C(1999) 1404)

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/402/KE)

L-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti mis-sajd [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE [2], u b' mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

(1) Billi l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/448/KE tal-20 ta' Ġunju 1994 li tistabilixxi l-kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjonijiet tal-prodotti mis-sajd u l-akwakultura li joriġinaw fin-New Zealand, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni Nru 96/254/KE [3], jiddikjara illi l-Ministeru tal-Agrikoltura u s-Sajd (MAS) għandu jkun l-awtorità kompetenti fin-New Zealand sabiex jivverifika u jiċċertifika l-konformità tal-prodotti mis-sajd u l-akwakultura skond il-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KE;

(2) Billi, wara ristrutturazzjoni tal-Gvern tan-New Zealand, l-awtorità kompetenti taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-prodotti mis-sajd (MAS) inbidlet mill-Ministeru tal-Agrikolutra u s-Sajd għal Ministeru tal-Agrikoltura u l-Forestrija; u billi din l-awtorità l-ġdida hija kapaċi tivverifika effettivament l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ; billi huwa għalhekk meħtieġ li tiġi mmodifikata n-nomina ta' l-awtorità kompetenti msemmija fid-Deċiżjoni 94/448/KE;

(3) Billi huwa konvenjenti li l-mod tal-kliem tad-Deċiżjoni 94/448/KE jiġi armonizzat mal-mod tal-kliem tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ġew adottatidan l-aħħar u li tipprovdi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjonijiet tal-prodotti mis-sajd u l-akwakultura li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi;

(4) Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 94/448/KE għandha tiġi mmodifikata kif ġej:

1. Artikolu 1 għandu jiġi mibdul b' dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Il-'Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Forestrija (MAF)' huwa l-awtorità kompetenti fin-New Zealand sabiex jivverifika u jiċċertifika l-konformità tal-prodotti mis-sajd u l-akwakultura mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE."

2. Artikolu 2 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Il-prodotti mis-sajd u l-akwakultura li joriġinaw fin-New Zealand għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. kull kunsinna trid tiġi akkumpanjata b'ċertifikat tas-saħħa oriġinali u nnumerat, mimli kif mistħoqq, iffirmat u ddatat f'paġna waħda skond il-mudell fl-Anness A ta' ma' hawn;

2. il-prodotti jridu jiġu minn stabbilimenti approvati, bastimenti fabbriki, imħażen tal-friża jew bastimenti refriġeraturi rreġistrati, elenkati fl-Anness B;

3. għajr fil-każ ta' prodotti mis-sajd iffriżati bil-massa u li huma maħsuba għall-fabbrikazzjoni ta' l-ikel ippriservat, il-pakkeġġi kollha jridu jġorru l-isem 'NEW ZEALND' u n-numru ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen tal-friża jew bastiment refriġeratur ta' l-oriġini miktuba b'ittri li ma jitħassrux."

3. Anness A jiġi mibdul bl-Anness ta' ma; hawn.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 86, ta' l-4.4.1996, p. 75.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Mejju 1999.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-prodotti mis-sajd u l-akwakultura li joriġinaw fin-New Zealand u li huma maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea

In-Nru tar-Referenza: .....

Pajjiż tad-dispaċċ: New Zealand

Awtorità kompetenti: Ministeru ta' Agrikolutra u Forestrija (MAF)

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti mis-sajd**

— Deskrizzjoni tal-prodotti mis-sajd u l-akwakultura (1): .....

— speċji (isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni tal-prodott u t-tip tat-trattament (2): .....

— Numru tal-kodiċi (meta disponibbli): .....

— Tip tal-pakkeġġjar: .....

— Numru tal-pakkeġġi: .....

— Piż nett: .....

— Temperatura mehtieġa għall-ħażna u t-trasport: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem/ismijiet u n-numru/i approvati uffiċjali ta' l-istabbiliment/i, il-bastiment/i fabbrika, jew il-maħżen/imħażen tal-friża approvati jew il-bastiment/i refriġeratur irreġistarti mal-MAF għall- esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea: .....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti huma ddispaċċjati .....

minn: .....

(il-post tad-dispaċċ)

lejn: .....

(il-pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi tat-trasport li ġejjin: .....

Isem u indirizz tal-kunsinnatur: .....

.....

.....

Isem tar-riċevitur u indirizz fil-post tad-destinazzjoni: .....

.....

.....

IV. **Ċertifikat tas-saħħa**

— L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika illi l-prodotti mis-sajd jew l-akwakultura speċifikati hawn fuq:

1) kienu maqbuda u mqandla abbord il-bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa stabbiliti fid-Direttiva 92/48/KEE;

(1) Ħassar fejn japplika.
(2) Ħajjin, irrefriġerati, iffirżati, immellħa, iffumigati, ipprservati, eċċ.

2) ġew imniżżla l-art, imqandla u ppakkeġġjati b'mod approprjat, imħejjija, ipproċessati, iffriżati, mhollija jinħallu u maħżuna b'mod iġjeniku skond il-ħtiġiet stabbiliti fil-Kaptioli II, III u IV ta' l-Anness mad-Direttiva 91/493/KEE;

3) għaddew mill-kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness mad-Direttiva 91/493/KEE;

4) huma ppakkeġġjati, immarkati, maħżuna u ttrasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness mad-Direttiva 91/493/KEE;

5) ma jiġux minn speċji tossiċi jew speċji li fihom il-bijotossini;

6) għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli organolettiċi, parassitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stabbiliti għal ċerti kategoriji ta' prodotti mis-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u bid-deċiżjonijiet li jimplimentawha;

7) b'żieda ma' dan, meta l-prodotti mis-sajd ikunu molluski bivalvi ffriżati jew ipproċessati, il-molluski jkunu nkisbu minn żoni tal-produzzjoni li huma bla ħsara għal kondizzjonijiet li huma mill-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti bid-Direttiva 91/492/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-t-tqegħid fis-suq tal-molluski bivalvi ħajjin.

— L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat jiddikjara illi jagħraf id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, tad-Direttiva 92/48/KEE u tad-Deċiżjoni Nru 94/448/KE.

Maghmul fi ....., fi .....
(il-Post) (id-Data)

Timbru Uffiċjali (3)

.....
Il-Firma ta' l-ispettur uffiċjali (3)

.....
(L-isem f'ittri kbar, il-kariga u l-kwalifiċi tal-firmatarju)'

(3) Il-kulur tat-timbru u tal-firma jrid ikun differenti minn dak tal-partikolaritjiet l-oħra fiċ-ċertifikat.